**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 10**

It-Tnejn, 13 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. John Baptist Camilleri u l-Onor. George Vital Zammit kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 9 li saret fit-8 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 51 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 181 | Tabella li turi n-numru ta' vetturi liċenzjati maqsuma skont il-kategoriji sa Marzu 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 994; |

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 182 Screenshot tal-webpage *Sistema ta' Unuri u Għotjiet* fil-website tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru li turi informazzjoni dwar Għoti ta' Unuri u Dekorazzjonijiet Nazzjonali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari W364;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 183 Informazzjoni dwar proprjetà tal-Gvern li għaddiet b'kirja jew ċens lill-kunsilli lokali, maqsuma skont il-lokalita fil-perjodu bejn Jannar 2022 u Novembru 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 555;

P.L. 184 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' appartamenti f'kull blokka ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali fiż-żona Ta' Mlit fil-Mosta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1074;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 185 Avviż Legali Nru 184 tal-2026 – Companies Act (Register of Beneficial Owners)(Amendment) Regulations, 2026;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 186 Tabella li turi l-programmi akkreditati mill-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), maqsuma skont l-MQF level, f'Mejju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari W341;

P.L. 187 Tabella li turi n-numru ta' studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements fil-Livell Intermedjarju fis-suġġetti tal-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, il-Bioloġija, il-Fiżika u l-Kimika għas-snin bejn l-2024 u l-2026 maqsuma bejn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1032;

P.L. 188 Tabella li turi n-numru ta' studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements fil-Livell Avvanzat fis-suġġetti tal-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, il-Bioloġija, il-Fiżika u l-Kimika għas-snin bejn l-2024 u l-2026 maqsuma bejn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1033;

P.L. 189 Tabella li turi tagħrif dwar xogħol ta' manutenzjoni, tisbiħ jew kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi fi skejjel tal-Gvern, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1139;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 190 Avviż Legali Nru 185 tal-2026 – Investment Services Act (Alternative Investment Fund Manager) (Third Country) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 191 Avviż Legali Nru 186 tal-2026 – Investment Services Act (Alternative Investment Fund Managers) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 192 Avviż Legali Nru 187 tal-2026 – Investment Services Act (Contractual Funds) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 193 Avviż Legali Nru 188 tal-2026 – Investment Services Act (Control of Assets) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 194 Avviż Legali Nru 189 tal-2026 – Investment Services Act (Custodians of Collective Investment Schemes) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 195 Avviż Legali Nru 190 tal-2026 – Investment Services Act (Marketing of Alternative Investment Funds) (Amendment) Regulations, 2026;

P.L. 196 Rapport Finanzjarju għas-sena 2025 maħruġ mit-Teżor skont l-artikolu 37 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, Kap. 601;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 197 Lista ta' lokalitajiet u toroq definiti bħala Żoni Turisitiċi għall-fini ta' S.L. 623.08, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 654; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 198 Tabelli li juru informazzjoni dwar xogħlijiet ta' restawr fuq knejjes u kappelli mwettqa permezz ta' kuntratturi esterni u permezz ta' ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 797.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA – MOZZJONI 25**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap. 490" inqara l-ewwel darba.

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI – MOZZJONI 26**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA' JOBSPLUS GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 – MOZZJONI 21**

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u t-Taħriġ, Kap. 594.

L-Onor. Deborah Schembri ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Annabelle Cilia u l-Onor. Julian Borg.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 199 | Press Release maħruġa minn Jobsplus bl-isem "Jobsplus clarifies how absence entitlement is calculated under the free Childcare Scheme" datata 11 ta' Lulju 2026. |

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026, skont ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

## ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAD-DJAR GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 – MOZZJONI 12

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici u l-Onor. Ivan Bartolo.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall.-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026, skont ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Fis-6.54 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Jobsplus għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026 | Votazzjoni |

-----------------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Graham Bencini u mill-Onor. Rebekah Borg.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Rebekah Borg qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 200 Stqarrija maħruġa mill-Maltese Paediatric Association bl-isem "Statement on Illness in Young Children Attending Childcare" datata 7 ta' Lulju 2026.

Fis-7.25 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**